**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 7 ta' Lulju 2023**

**Rikors nru : 255/2021 AGV**

**RF**

**Vs**

**JF**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' RF fejn ippremettiet is-segwenti:-**

1. Illi l-partijiet izzewwgu fis-16 ta' Gunju 1990 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li illum it-tnejn li huma ghandhom 'l fuq minn 23 sena.

2. Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment stante illi l-konvenut rrenda ruhu hati versu l-attrici ta sevizzi, eccessi, u ingurji gravi.

3. Illi l-partijiet kienu tterminaw il-komunjoni tal-akkwisti permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Sharon Faith Farrugia ippubblikat fil-5 ta' Gunju, 2020, madanakollu fl-istess kuntratt il-propjeta kollha li giet akkwistata mid-data taz-zwieg kif ukoll id-dar matrimonjali kellha tibqa' komuni u ghalhekk jehtieg illi l-propjeta' komuni tigi diviza.

4. Illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-konvenut mexxa n-negozju tieghu b'mod dizastruz u gabu fi stat ta rovina finanzjarja. Minkejja dan huwa qed jibqa' jinnega l-estent tal-problema jekk mhux sahansitra l-ezistenza tal-problema nnifisha u konsegwentement qed jirrifjuta li jiehu l-passi biex jindirizza jew itaffi l-problema u dan qed jsarraf fi pregudizzju serjissimu ghar-rikorrenti.

5. Illi minkejja li saru tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju anki tramite l-procedura ta' medjazzjoni ma ntlahaq l-ebda ftehim u l-attrici giet awtorizzata tiftah din il-kawza.

6. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha:-

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjugi kontendenti minhabba htija unikament da parti tal-konvenut.

2. Tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghaliha fl-ammont iffissat u skond il-modalitaijiet iffissati minn din l-Onorabbli Qorti.

3. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48, 51 , 53 u 54 tal-Kapitolu 16 in toto jew in parte.

4. Tordna li l-assi mizmumin in komuni bejn il-partijiet, kif ukoll id-djun li jiggravaw il-propjeta' komuni jew il-partijiet nnifishom jigu divizi bejn il-partijiet.

5. Tordna lill-konvenut jaghmel tajjeb b'assi personali tieghu ghad-djun li huwa dahal fihom minghajr l-gharfien u /jew kunsens tar-rikorrenti, kif ukoll dawk id-djun li huma rizultat tat-tmexxija hazina tan-negozju tieghu.

6. Tordna lill-konvenut jirrestitwixxi u/ jew jirrifondi l-beni / fondi parafernali tal-attrici li jinsabu fil-pussess tieghu jew li intuzaw fil-propjeta' parafernali tal-konvenut , okkorendo b'opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess.

7. Tiddikjara illi l-fond Ilwien, 35 Triq Wied Anglu, Birguma Naxxar m'ghandux jitqies iktar bhala d-dar matrimonjali u tordna lill-konvenut jizgombra mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju.

8. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**IKKUNSIDRAT:**

**Fatti**

**RF ,** l-attrici tghid li kienet iltaqghet mal-konvenut u kellhom relazzjoni ta' seba' snin u zzewwgu fl-1990. Minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal li llum huma maggorenni.

Tispjega li dak iz-zmien kienet tahdem man-negozju tal-familja u kienet idum sa filghaxijiet u qabel ma zzewwgu l-konvenut kien irrikjeda li ma tkomplix tahdem.

Ftit wara li zzewwgu kienu xtraw plot art Birguma, Naxxar, li kienu dahlu fiha meta t-tifla kellha sentejn. Tghid li sadanittant, il-genituri taghha kienu sellfuhom appartament u missierha ma kienx ihallihom ihallsu l-kontijiet tad-dawl u ilma u lanqas kera.

Meta dahlu fid-dar 35, Lwien, Triq Wied Anglu, Naxxar, missierha kien taha l-ghamara kollha tad-dar bhala dota. Kienu hadu loan biex bnew il-plot u kien jithallas minn kont kongunt fejn il-konvenut kien jiddeposita l-paga.

Ir-ragel kien jahdem man-negozju tal-familja u meta kienet tqila bit-tifla kienu bdew in-negozju tal-uniformijiet Jon David Limited. Tghid li kienet tmur tghinhom iwaqqfu dan in-negozju b'mod volontarju peress li kienet tiddejjaq li ma tahdimx. Pero' tghid li minkejja dan ma kellhiex problemi ta' flus ghax qatt ma naqsu u kienet tiehu hsieb il-pagamenti u kontijiet kollha hi.

Meta kellha tlett snin it-tifla, iddecidew li jibdew negozju ghalihom u kienu krew hanut u jbieghu l-fidda u deheb. Tispjega li kienu hadu loan sabiex

armawh u xtraw l-istock. Fl-istess zmien kienet saret taf li tqila bit-tifel, izda xorta wahda kompliet tahdem u tiehu hsieb il-familja. Meta t-tifel kellu xi tlett snin, il-konvenut kien avvicina lil certu RC sabiex tiehu l-hanut bl-istock go fih. Tammetti li hi ma kellhiex taqsam ma nnegozjati u l-ftehim.Taf li din C kienet hadet l-*istock* u abbandunat il-hanut u kien hemm proceduri l-Qorti. Tikkonferma pero' li kull ma taf hu li l-loan li hadu sabiex ihallsu ghall-*istock* ma kienx thallas u kien hemm xi kambjali li kienu ghadhom dovuti. Ma setghetx tikkonferma jekk C kinitx hallset u jekk hallset x'saru minnhom dawk il-flus.

Izzid tghid li ftit wara zewgha kien dahal f'negozju iehor ma' kuginuh u fethu agenzijia tal-ivvjaggar u ukoll ma kinux marru tajjeb u kienu spiccaw il-Qorti fuq xi dejn.

Maz-zmien tghid li bdew problemi finanzjarji u kien ikollha bzonn tnaqqar mill-childrens allowances jew flus li kienet twarrab ghat-tfal. Kien hemm ukoll drabi fejn kien qabzu xi pagamenti tad-donazzjonijiet tal-iskola jew il-mizata u spiccat li kien ighinha missierha biex thallashom. Il-partijiet kienu anke qablu li hi tmur tahdem u fil-fatt marret tahdem part-time man-negozju tal-familja. Hi u l-konvenut kienu qablu li hi thallas il-bzonnijiet tal-familja, filwaqt li hu jhallas il-kontijiet tal-loan tad-dar, tal-iskejjel ecc.

Dwar il-konvenut tispjega li tul dan iz-zmien kellu problemi mal-familja tieghu u kien hemm diskussjoni kif setghu jaqsmu n-negozju taghhom. Issemmi ukoll li l-konvenut kien dejjem johlom b'affarijiet godda ghan-negozju u hafna drabi kien jiddiskuti maghha. Ma kinitx trid tidhol bejnu u l-familja tieghu u ghalhekk f'dan is-sens kienet tibqa' lura.

Kellu diversi avventuri ta' negozji minn bejgh u xiri ta' zwiemel, ghall-installazzjoni ta' air conditioners u bejgh ta' magni specjalizzati ghall-annimali fost ohrajn.

F'xi zmien meta l-familja tieghu kienu qed jaqsmu n-negozju tammetti li gieghlha tiffirma xi prokura u kien taha dettalji minimi, izda rrizulta li dan kien sabiex xtara l-proprjeta' taht l-isem Acorn Properties Ltd li giet iffurmata matul iz-zwieg, liema socjeta' saret proprjetarja tal-fabbrika Spartex li kienet wahda  mill-kumpaniji li kellha l-familja tal-konvenut.

Sadanittant tghid li d-diffikultajiet tal-pagamenti bdew jizdiedu kemm taghhom, kif ukoll tal-konvenut personali. Tispjega li kellha kont ta'  bonds mal-BOV li kien taha missierha bhala rigal u kienu l-uniku sors ta' tfaddil li kellhom. Il-konvenut kien ikkonvinciha sabiex isarfuh u jinvestuh mod iehor. Kienet iffirmatlu u ma kinitx taf fejn kien investihom u meta kienet titolbu l-karti kien dejjem isib xi skuza.

Kien ukoll beda bi passatemp ta' zwiemel u xtara zewg zwiemel u mbaghad dahal f'negozju fejn kellu l-pjan li fl-art li kien xtara jiftah stallel biex jikrihom. Kienet isaqsih kif kien jithallas il-gerrej u l-persuna li kien jiehu hsieb iz-zwiemel kuljum u kien jirrispondiha, li  l-gerrej jithallas biss jekk jirbah u dak li jiehu hsieb jithallas parti mill-premju.

Imbaghad il-konvenut kien dahal fin-negozju tal-bini.

Bdiet tinduna li ma kinux qed jithallsu l-kontijiet tad-dawl u kien hemm zmien fejn gieli kienu qatghulhom id-dawl. Kien ipprova jbellahielha li kellu jiehu minghand Enemalta minhabba li bnielhom is-s*ubstations* u dawn kellhom jitnaqqsu mill-kontijiet tad-dawl u dan ma kienx minnu.

L-attrici tkompli tghid li fis-sena 2011 kien miet missier il-konvenut u kien hadha bi kbira u kien mitluf anke fuq ix-xoghol. Kien f'dan iz-zmien li l-konvenut kien tilef il-kawza li kellhu ma' St.Vincent de Paule. Bhala konsegwenza kien qalilha li kellu jissellef il-flus minghand persuna li kien jaf u kien infurmaha li kellu jaghmel tajjeb bid-dar matrimonjali. Kienet marret mieghu ghand in-Nutar il-Gudja u hemm iltaqghu mal-familja A (Alfaran). Tghid li ffirmaw konvenju temporanju fuq id-dar bhala garanzija ta' hlas u l-prezz tad-dar tnizzel bhala €240, 000 meta fil-fatt tghid li kienet tiswa izjed. Tikkonferma li ma kinitx taf kemm kien issellef.

Iktar m'ghadda z-zmien tghid li l-konvenut iktar kellu inkwiet ma' hutu, l-iktar peress li kienu qed juzaw il-proprjeta' tieghu ghan-negozju u ma jhallsux kera u kienu ukoll qed idumu biex ighaddulu l-paga. Kienu prattikament ighixu mill-paga taghha u t-tifla kienet tahdem u tistudja.

Kien hemm okkazzjoni fejn kellu xi jghid ma' huh P u spiccaw gew fl-idejn u ddecieda li jkeccihom barra minn proprjeta' f'Santa Venera li kienet tappartjeni lil Iceberg Ltd kumpanija li kien xtara l-konvenut u spiccaw bdew jikru ghar-rashom.

Bejn is-snin 2013-2014 kien fetah Depot biex ibiegh drinks u ilma u kien dahhal it-tifel jahdem mieghu. Kien ukoll iffirma kuntratt mal-General Soft Drinks li kien jidher it-tifel fuqu u l-konvenut kien iffirma. Sakemm dam jahdem mar-ragel ma kienx itih paga, kien itih biss xi *pocket money*. Kien spicca li kien hemm id-dejn mal-GSD fl-ammont ta' cirka €5000 skond il-konvenut u dan kien fuq isem it-tifel. Kienu hargu ittra ufficjali taht l-Artikolu 166A u peress li l-konvenut ma kkontesta xejn kienu hargu mandat fuq it-tifel ukoll. Ghalkemm kien wieghdha li ser ihallas kien baqa'

ma hallasx xejn u bhala konsegwenza t-tifel ma setax jiehu loan. L-ammont dovut irrizulta li kien jammonta ghal €10,401 inkluz l-ispejjez legali li tikkonferma li llum qed jithallsu minnha u t-tifel.

Kien perjodu fejn rega' kien hemm hafna kontijiet pendenti u kienet dejjem tfakkru sabiex ihallas il-kontijiet. Tghid li l-konvenut kien qed jaghmel ftehim ma' individwu biex ibiegh il-kumpanija li fuqha kien hemm il-kirja tal-post tal-proprjeta' ta' Iceberg Ltd, minghand il-Gvern ghall-ammont ta' snin. Wara hafna zmien tghid li wasal ghall-ftehim.

F'Novembru, 2014, kien sar mandat ta' sekwestru fuq il-kontijiet taghha ukoll u ma setghetx tuzahom. Il-konvenut kien wieghdha li kien ser isolvi kollox malajr, izda ma kienx il-kaz.

Kien f'dan il-perjodu ukoll li kienu hadu d-dar tal-genituri tal-konvenut li kienet il-Mellieha u dan wara li kien hemm kawza l-Qorti u din kienet marret ghand il-familja A.

Wara li sar il-bejgh tan-negozju Iceberg Ltd kienet ippruvat tikkonvinci lill-konvenut sabiex jimpiega ruhu. Ghamel zmien ma kienx jahdem, imma mbaghad kien dahal f'negozju ma' kumpanija jisimha Windmill li timmanifattura l-aluminium. It-tifel kien dahlu hemmhekk u kien jircievi paga minima. Il-konvenut da parti tieghu qatt ma gab paga d-dar. L-attrici hija konvinta li ghalkemm kien ighidilha li huwa partner f'din il-kumpanija fil-fatt ma kienx.

Kien imbaghad telaq u ghamel zmien impjegat u mbaghad beda jahdem mid-dar billi jiehu ordnijiet tal-aluminium u ukoll bdew jigru warajh in-nies ghax kellu jtihom il-flus.

Wara ftit xhur iddecieda li ried ikompli jizviluppa l-proprjeta' li kellu Hal Qormi f'isem Acorn Properties. Wara hafna problemi gietu l-opportunita' li jikri l-binja ghal tul taz-zmien lil Transport Malta, izda kellu bzonn jiffinixxja l-appartamenti. Finanzi ma setax igib mill-bank, izda xorta kien ghamel il-kuntratt u beda x-xogholijiet. Sadanittant, it-tifel kien spicca jistudja u beda jahdem mieghu *full-time*. Il-konvenut kien iwieghdu li hekk kif ilestu x-xogholijiet kien ser jiehu l-management tal-binja u paga; haga li pero` qatt ma sehhet.

Imbaghad beda vizzju gdid, fejn kien jissellef xi flus minghand it-tifla jew jghaddilha xi cekkijiet biex titfghu fil-kont taghha u ssarrafulu. Kien iwieghdha li ser ihallasha lura, izda qatt ma kien ihallas jew inkella jhallasha wara hafna torturi. Kienet spiccat thallaslu ukoll il-kontijiet tal-mobile.

Minhabba dan ix-xoghol il-kredituri bdew jikbru. Zdied it-theddid u l-vendikazzjonijiet. It-tifel kien beda jinduna li l-flus li kien hemm fil-kont bankarju tal-konvenut ma kinux qed jinqasmu kif kienu miftiehmin. Is-supplier tal-ghamara Immagine Casa bdew ifittxuh biex jonora l-pagamenti u kien sar ftehim biex isir hlas bil-kambjali u kienet thossha skomda peress li kellha tiffirma u kienet tahdem fl-istess qasam tal-ghamara.

F'Marzu, 2020 kien inqala' hafna inkwiet bejn il-konvenut u t-tifel tal-partijiet u dan minhabba li dan tal-ahhar sar jaf li missieru kien issellef il-flus fuq l-idejn. Wara din il-glieda t-tifel kien spicca li telaq mid-dar u f'Gunju, 2020 kien sab xoghol. Tul dan il-perjodu l-partijiet ma kinux qedghin jitkellmu. L-attrici tghid li kien f'dan iz-zmien li kienet fethet qalbha mal-familjari taghha.

Sadanittant, tghid li hi u l-konvenut regghu bdew jitkellmu u jipprovaw jirrangaw l-affarijiet. Kien iwahhal fiha li kienet mohhha fix-xoghol u ma tantx kienet tkun id-dar. Kienu ukoll ghamlu s-separazzjoni tal-assi u kien baqa' jghajjarha biha.

Kienet tipprova tkellmu sabiex ikellem konsulent ha jara kif seta' jsolvi l-problemi, imma xorta beda negozju iehor jimporta il-kmamar tal-injam u t-tined tax-xemx. Regghu bdew icemplu nies li jkun ha d-depozitu u ma jghaddilhomx il-kamra.

Kien beda jdum hafna barra mid-dar, idur bil-karozza, imur il-kazinijiet u jixrob. Kien imur id-dar biss biex jiekol u jorqod.

Kien wara li rceviet telefonata minghand Dr. JA, dwar li kien sar kuntratt fuq id-dar, li kkonfrontat lir-ragel u kien wieghdha li kienu ser imorru ghand konsulent; izda rega' hassar. Minn dakinhar iddecidiet li tiehu parir legali biex tipprocedi ghas-separazzjoni. Kien wara li bdew icemplulha LA u CA krredituri tal-konvenut, li saret taf li dawn kienu rebhu d-dar bi proceduri li kienu ftehu l-Qorti peress li l-konvenut kellu jghaddilhom xi flus. Kienet iffirmat prokura li minghaliha kienet fuq kawza tal-proprjeta' l-Mellieha.

Kien hemm zmien meta bdew gejjin il-marixxalli tal-Qorti u f'Lulju, 2021, kien mar il-marixxall wara li Vella Falzon Bathrooms kienu hargu mandat ta' qbid. Ghalkemm il-konvenut kien ipprova jikkonvincihom biex ma jiehdu xejn, kienu spiccaw hadu kollox, hlief il-kcina u l-kmamar tas-sodda.

Bdew gejjin diversi kredituri, kif ukoll minghand Dr. An li kien qed jippretendi l-hlas tas-servizzi tieghu. Ghalhekk kienet iddecidiet li tmur tghix mal-genituri taghha ghall-perjodu. It-tfal kienu marru jghixu ghar-rashom u sadanittant kienet bdiet tikri post.

Illum taf li hemm diversi djun, subbasti, mandati u proceduri ohra. Saret taf ukoll li fir-rigward tal-kumpanija Acorn Properties Ltd giet *struck off* fl-2021 u l-konvenut ma ghamel xejn biex tigi riattivata biex jigi evitat li l-proprjeta' taqa' f'idejn il-Gvern.

**Lorraine Attard** in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc ipprezentat id-dokumenti bankarji li rrizultawlha wara li ghamlet ir-ricerka necessarja f'isem il-partijiet.[1] F'isem il-konvenut irrizultawlha savings account, liema kont ghadu miftuh.[2] F'isem l-attrici rrizultawlha zewg kontijiet savings li ghadhom miftuha.[3] L-ohrajn huma kongunti, f'isem l-attrici flimkien ma' terzi. Kont wiehed ma' DA u savings account mal-istess DA .[5]

**Johanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc ipprezentat il-kontijiet bankarji li rrizultawlha mir-ricerka li ghamlet f'isem il-partijiet.[6] F'isem l-attrici rrizultaw tliet current accounts, wiehed ghadu miftuh u t-tnejn l-ohra maghluqa.[7] F'isem il-konvenut ma rrizultawx kontijiet.

Irrizultaw pero' tliet kontijiet *joint.* Wiehed kien current account li nghalaq f'Jannar, 2018.[8] Loan account li nghalaq f'Marzu, 2017.[9] Listed account li ghadu miftuh u gie trasferit mill-kont loan account ghal dan il-kont.[10] Ir-raguni kienet minhabba li ma kinux qed isiru pagamenti u ghalhekk il-file gie trasferit lil Debt Management Unit.

**Claudia Diacono** in rapprezentanza tal-Malta Business Registry ipprezentat diversi dokumenti relatati ma' diversi kumpaniji li fihom huwa involut il-konvenut.[11] F'dawn id-dokumenti ndikat jekk kienx hemm kumpaniji li huma defunct u jekk il-kumpanija tridx terga' tinfetah. Tispjega li jekk hemm xi hadd li ghandu interess li l-kumpanija terga' tinfetah jista' jaghmel rikors il-Qorti biex jitwahhal fir-Registru. Il-parti interessat huwa dak li ghandu jiehu, bhal kreditur. Tikkonferma li kien hemm xi tlett kumpaniji li hemm *objections* fuqhom, izda l-kredituri qalu li ma jistghux jieqfu. Ikun jehtieg li d-direttur huwa responsabbli li jiffajla d-dokumenti kollha bhal annual returns, u accounts u jhallas il-penali sa dik il-gurnata li tigi *restored*. Jekk ma jaghmilx hekk da parti taghhom ir-Registratur jigi kjamat fil-kawza. Pero' zzid tghid li anke biex isir dan, jista' jibqa' ma jaghmilhomx, jigifieri anke jekk isir ir-rikors, u jigi *regularised* maghhom u jhallas il-penali, il-kumpanija li hija membru tigi tinghalaq b'mod normali. Ix-xhud tkompli tispjega li jekk dan ma jsirx fi zmien hames snin, il-kumpanija tghaddi ghand il-Gvern, li minn naha tieghu jista' jaghmel li jrid biha. Jirrizulta li s'issa dan ma sehhx. Id-diretturi u s-shareholders ma jiehdu xejn minnha f'dak il-kaz.[12]

Dwar is-socjeta' AF Property Development Ltd. C 23429 tghid li dina giet *struck off as defunct* u dan kien ghalaqha r-Registratur.[13]
Dwar it-tieni kumpanija Ceiling Systems Ltd. C 16547 kien ser jibda l-process sabiex dina l-kumpanija tigi *struck off as defunct* peress li kienet inactive. Peress li kien hemm *objection*, kellhom iwaqqfu kollox.[14]

Dwar is-socjeta' Iceberg Refrigeration Services Ltd. Dina giet *struck off* b'mod volontarju.[15]

Ir-raba' socjeta' C 9141 hija *struck off* b'mod volontarju.[16]

Il-hames socjeta' C 16113 kienet ser tinghalaq mir-Registratur minhabba li kienet i*nactive,* izda kien hemm *objection* u allura kellha tigi mwaqqfa.[17]

Il-kumpanija C 7184 hija *struck off as defunct* fl-2019 minn naha tar-Registratur.[18]

Is-socjeta' AF Holdings Ltd kienet inactive u r-Registratur beda l-process biex tinghalaq, izda kellhom jieqfu.

Dwar is-socjetajiet C 37361, C 22096 u Dok. CB 11 dawn ukoll gew maghluqa da parti tar-Registratur.[19]

Dwar it-tlett kumpaniji li ghadhom miftuha, tghid li ma tistax tikkonferma min ghamel l-*objection* il-bank jew kreditur aqwa minnu.

Fir-rigward il-kumpaniji in kwistjoni tghid li hemm biss wahda li nghalqet minn 2019 u l-ohrajn huma mill-2021 u ghalhekk ghadhom m'ghaddewx il-hames snin.

**PC2080 Rachel Mckay** ipprezentat diversi rapporti.[20]

**Simon Zammit** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc ipprezenta dokumentazzjoni relatati mal-loans u debiti dovuti mill-partijiet.[21]

**Karen Falzon**, ghan-nom tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunal ipprezentat dokumentazzjoni relatati ma' mandati li hemm mahruga kontra l-konvenut.[22]

**George Gregory** ghan-nom u in rapprezentanza ta' RSM Malta li hija ditta ta' awdituri jghid li ma kienx hemm dokumentazzjoni fuq il-konvenut jew fuq is-socjeta' Acorn Properties Limited. Jiftakar pero' li kien cempillu xi hadd sabiex jiltaqa' mal-konvenut ghax kellu problema fuq is-socjeta' Acorn Properties. Kienu marru jkellmuh il-partijiet u t-tifla taghhom u kienu riedu parir sabiex jistrutturaw ghax kien hemm problemi anke ma' hut il-konvenut. Kienu semmewlu ukoll li kien hemm kumpanija li kienet *defunct*, li x'aktarx kienet Acorn Properties Ltd , imma kellha xi proprjeta' fiha. Ighid li kien tahom il-parir sabiex japplikaw il-Qorti biex jattivaw dik il-kumpanija ghax peress li hija *defunct*, tappartjeni lil Gvern. Ighid li minn dakinhar ma regghux ikkuntatjawh.

**Caroline Mifsud** ghan-nom u in rapprezentanza ta' Capital Transfer Duty pprezentat erba' settijiet ta' dokumenti.[23] Spjegat li rrizulta li l-konvenut kien shareholder tas-socjeta' Acorns Properties Ltd u ghalhekk talbu mit-Tax Compliance Unit lista fejn hemm ismu bhala shareholder u rrizulta li kien hemm xi tmien kumpaniji. Kien hemm biss tlett konveniji. Irrizulta li l-konvenut huwa shareholder f'Ceiling Systems Ltd u kienu jezistu zewg konvenji.[24] Imbaghad kien hemm hames konvenji fejn il-konvenut huwa shareholder ta' Acorn Developments Limited.[25] Kien hemm tlettax-il konvenju fuq Acorn Properties Limited.[26] Kien hemm konvenju fuq il-konvenut.[27]

## KONSIDERAZZJONIJIET

## RESPONSABBILITA'

L-attrici qed titlob lil dina l-Qorti sabiex tippronunzja s-separazzjoni bejniethom u dan peress li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' sevizzi, eccessi u ingurji gravi.

1. **Dwar Sevizzi u Ingurji gravi**

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di***

***vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:- ***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi… Huma servizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."***

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017: ***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***

***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***

***"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas taht l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."***

Gie enuncjat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

L-attrici tishaq li tul iz-zwieg, minkejja li l-familja tal-konvenut kienu nvoluti fin-negozju, kien donnu dejjem ifittex li jidhol go negozju ghall-iehor, minn jixtri z-zwiemel u jhejji l-istallel sabiex jikrihom, jinstalla air conditioners u anke kien imdahhal fil-kostruzzjoni.

Mill-bidunett il-konvenut kien jidhol f'diversi negozji u jhalli d-dejn warajh. L-istess kien ghamel meta kienu ddecidew li jifthu hanut tad-deheb u l-fidda. Wara ftit, il-konvenut biegh in-negozju bl-istock lil terza persuna li kienet hadet l-istock u abbandunat il-hanut. Spiccaw bil-problemi ukoll. L-attrici ssemmi diversi problemi finanzjarji li kellhom, fejn kienu jcemplu l-kredituri jew inkella sabet ruhha lanqas tista' tuza' l-kontijiet bankarji taghha peress li l-istess kontijiet kienu gew issekwestrati.

L-istess konvenut kien jidhol f'negozji u jispicca bid-dejn, tant li minhabba dawn il-problemi finanzjarji kien darba talab lill-attrici biex tghaddilu l-flus li kellha gewwa bonds li kien tahomlha missierha bhala rigal. Spicca li kienu sarfu dawn il-flus u l-attrici ffirmatlu u ma kinitx taf fejn investa jew x'ghamel b'dawn il-flus.

Lanqas il-kontijiet tad-dawl u ilma ma kienu qed jithallsu u fl-affidavit taghha l-attrici kkonfermat li kien hemm drabi fejn kienu qatghulhom id-dawl u l-konvenut kien jipprova jikkonvinciha li l-Enemalta kellha taghtih xi flus u kienu qed jinqatghu mill-kontijiet.

L-attrici xehdet ukoll kif il-konvenut lanqas kellu rispett lejn uliedu meta kien jigi sabiex jamministra l-flus u dan meta kien dahhal lit-tifel jahdem mieghu mets waqqaf Depot tad-drinks. Spicca li t-tifel ma baqax jistudja biex jahdem mieghu u lanqas kien ighaddilu paga, hlief xi pocket money u addirittura kien spicca li minhabba xi kwistjonijiet ta' djun li kellu mal-General Soft Drinks, l-istess socjeta' kienet hargitlu ittra ufficjali taht l-Artikolu 166A u spicca li deher u bata t-tifel peress li kien deher hu ghal kollox, tant li lanqas ma jista' jiftah kont mal-banek u spiccaw qed ihallsu dan id-dejn l-attrici u binha.

Meta verament kien beda jigi dahru mal-hajt, il-konvenut kien juza' l-kont tat-tifla billi jitlobha ssellfu l-flus jew altrimenti jtiha cekkijiet sabiex tiddepositajhomlu. Kien idum biex ihallasha jew ma kienx ihallas xejn. Inoltre, it-tifla spiccat thallaslu l-kontijiet tal-mobile.

Mir-rizultanzi processwali jirrizulta li l-verzjoni tal-attrici hija wahda kredibbli u dan peress  li hemm diversi kawzi kontra l-konvenut, diversi kumpaniji li fetah u ma kienx qed jipprezenta l-audited accounts, id-dokumenti rikjesti u ghalhekk kien hemm diversi penalitajiet fejn fil-kaz ta' certi kumpaniji beda l-process sabiex jigu *struck off as defunct.* Kien ghalhekk li l-attrici ddecidiet li titlob lill-konvenut li jaghmlu separazzjoni tal-beni.[28]

Tant l-attrici kienet fid-dlam dwar in-negoziji li kien dahal fihom il-konvenut li mbaghad saret taf li kien ghamel tajjeb ghad-dejn bid-dar u kien hemm ir-riskju li jehoduha, kif kien gara bid-dar tal-genituri tieghu minhabba problemi li kellhom bejniethom bhala familja u qatt ma riedet tindahal fihom.

Gie kkonfermat ukoll li in segwitu ghall-mandat ta' qbid, il-marixall tal-Qorti ma hallix lill-konvenut jipprova jkellmu u ttiehdu l-mobbli kollha li kien hemm fid-dar matrimonjali, ghajr ghall-kcina u l-kmamar tas-sodda. Dan kollu sar minn wara dahar l-attrici.

Mil-assjem tal-provi huwa car daqs il-kristall li l-konvenut ripetutament u bla ebda skrupli wasal sabiex amministra l-beni tal-familja tieghu b'mod irresponsabbli u gab hafna tbatija u stress psikologiku lill-attrici u l-familja; tant li m'hemmx l-icken dubju f'ghajnejn dina l-Qorti li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg minhabba sevizzi.

**MANTENIMENT**

L-attrici qed titlob manteniment minghand il-konvenut pero' skond l-Artikolu 3 tal-Kodici Civili, il-manteniment jigi kkalkolat skond il-mezzi ta' min hu obbligat ihallas manteniment u skond il-bzonnijiet tal-persuna li qed titlob il-manteniment.

L-attrici prezentement tahdem fejn dejjem hadmet, man-negozju tal-familja taghha u tul il-provi ma ressqet l-ebda indikazzjoni li kienet qed tippretendi manteniment minghand il-konvenut.

Ghaldaqstant, peress li l-attrici ghandha impjieg full-time u dan qed jigi prezunt kemm minhabba li llum it-tfal huma maggorenni, kif ukoll minhabba l-fatt li tghid li l-konvenut kien jilmenta maghha li kienet taghmel hinijiet twal ix-xoghol, m'ghandux ikun hemm obbligu ta' manteniment da parti tal-konvenut.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Il-partijiet ghazlu li jutillizaw ir-regim tas-separazzjoni tal-beni u dan wara li l-konvenut ma kienx qed jamministra l-finanzi taghhom sew. Fil-fatt il-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni gie ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr.Sharon Faith Farrugia fil-5 ta' Gunju, 2020.[29]

Fl-istess kuntratt gie miftiehem hekk fis-segwenti klawsoli:-

***"(IV) The Husband and Wife agree all assets and liabilities made by both of them or any one of them from the date of their marriage up to today in Malta and which in accordance to law formed part of the community of acquests shall remain and continue to be co-owned by the Husband and Wife jointly, in equal shares."***

***"(VI) The Husband and Wife hereby agree that with regards to the matrimonial home, that is the immovable property numbered thirty five (35), "Ilwien," Triq Wied Anglu, limits of Birguma, Naxxar, Malta with all its rights and appurtenances, including its overlying roof and airspace and underlying subsoil, and including all movables and furniture therein situated, this shall remain joint property of the parties."***

***"(VIII) (a) Each party shall be the sole and exclusive owner of any bank deposits/accounts and other investments held in their separate names in Malta and abroad and neither party shall be entitled to claim from the other any share from any such deposits or accounts."***

***" (VIII) (b) Without prejudice to the above, each of the appearers shall also be solely and exclusively responsible for all debts and obligations which each may have contracted in Malta personally before the publication of this deed."***

**<u>Assi Mizmumin in Komun</u>**

Mill-assjem tal-provi ma jirrizultax li hemm hafna assi li baqghu in komun in segwitu ghas-separazzjoni tal-beni ghajr ghal xi kontijiet bankarji kif ukoll id-dar matrimonjali.

**Dar Matrimonjali**

Prezentement il-konvenut qed ighix fid-dar matrimonjali u cioe' "Ilwien" 35, Triq wied Anglu, Birguma, Naxxar. Wara li kien hemm mandat in vigore u l-marixxall kien ha prattikament il-mobbli kollha mid-dar matrimonjali, l-attrici ma kinitx baqghet tghix hemmhekk u marret tghix ghall-bidu mal-genituri taghha, imbaghad marret tghix go post mikri.

L-attrici ssemmi li l-konvenut kien gieghlha tiffirma kuntratt fejn id-dar matrimonjali kienet qed taghmel tajjeb ghad-djun li kien ghamel il-konvenut, izda ma kinitx konsapevoli ta' dak li kienet qed taghmel. Effettivament, ghalkemm issemmi li kien hemm kaz ta' LA u CA kredituri tal-konvenut, li saret taf li dawn kienu rebhu d-dar bi proceduri li kienu ftehu l-Qorti peress li l-konvenut kellu jghaddilhom xi flus, ma jirrizultax jekk dan sehhx jew le jew jekk intlahaqx ftehim, stante li jirrizulta li l-konvenut kien ghadu jghix fid-dar matrimonjali. Ghandu jigi rilevat li l-attrici ssostni li kienet taht l-impressjoni li meta kienet qed tiffirma kien rigward proprjeta' l-Mellieha.

Konsiderando, li l-konvenut wassal sabiex ikkaguna dizastru shih u rovina shiha fil-finanzi taghhom u dan ad insaputa tal-attrici, ikun gust li jekk id-dar matrimonjali ma tittihiedx minn terzi, din ghandha tigi assenjata lill-attrici; u jekk ghad hemm dejn fuq l-istess dar, dina ghandha tigi assunta mill-attrici.

**Kontijiet bankarji Kongunti**

Xehdu diversi rapprezentanti tal-banek lokali HSBC u Bank of Valletta rispettivament fejn jirrizulta li kien hemm xi kontijiet pendenti bejn il-partijiet.

Fir-rigward tal-kontijiet kongunti li huma kontijiet savings jew kontijiet kurrenti, dawn ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet.

Skond is-separazzjoni tal-beni, kull parti ghandha zzomm il-kontijiet li ghandha f'isimha personali.

In kwantu jirrigwarda d-djun mal-istess banek, Simon Zammit in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc, ipprezenta "Statement of Account at Simple Interest" fuq overdraft loan R/O fejn il-kont huwa in debit fl-ammont ta' €-280, 823.67 sad-29 ta' Marzu, 2023.[30]

Hemm consumer loan kont ukoll, fejn id-debitu sal-31 ta' Dicembru, 2007 kien jammonta ghal €228, 244.84. [31]

Jirrizulta ukoll li kien hemm kontijiet pendenti fir-rigward tas-socjetajiet Acorn Properties Ltd u Ceiling Systems Ltd, kumpaniji li l-konvenut waqqaf fiz-zwieg. Simon Zammit in rapprezentanza tad-Debt Management Department tal-Bank of Valletta plc kien kiteb lill-partjiet sabiex jissaldaw id-djun li kellhom relatati mal-loans u overdrafts u facilitajiet ohra li offrewlhom il-bank. [32]

Ma jirrizultax li l-Bank kien hareg xi mandati kontrihom minn dak li gie prodott minn Karen Falzon.
Jirrizulta pero' li l-konvenut ma kienx qed jaghmel pagamenti regolari u huwa fatt mhux ikkontestat li l-attrici ghamlet zmien fejn ma hadmitx, imbaghad regghet bdiet tahdem mal-familja taghha. Ghaldaqstant, jekk l-attrici kienet ghamlet zmien minghajr introjtu ghaliex kienet qed trabbi t-tfal, certament ma setghetx tghin finanzjarjament u kien ghalhekk fl-obbligu tal-konvenut sabiex jiehu hsieb tal-pagamenti mal-Bank of Valletta plc, kif ukoll l-HSBC .

Ghaldaqstant, id-dejn pendenti fuq il-kontijiet fuq imsemmija, qed jigu assenjati esklussivament lill-konvenut.

**Djun Iehor**

1. **Dejn mal-General Soft Drinks**

L-attrici xehdet li l-konvenut kien dahal fi ftehim mas-socjeta' General Soft Drinks f'isem it-tifel, li kien ghadu taht l-eta' u spicca li kien ghamel dejn maghhom fl-ammont ta' €10, 401. Illum dawn l-flus qed jithallsu mill-attrici u t-tifel tal-partijiet, flimkien mal-ispejjes legali.

2. **Kawzi decizi jew pendenti l-Qorti u Mandati**

Karen Falzon, ghan-nom tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunal ipproduciet lista tal-kawzi li hemm pendenti kontra l-konvenut jew li inqatghu mill-Qorti kif ukoll elenkat lista ta' mandati li hemm il-Qorti kontra l-istess konvenut f'ismu personali jew f'isem il-partijiet.[33]

Fic-cirkostanzi, kwalsiasi dejn relatati mal-istess ghandu jigi ssopportat u assenjat lill-konvenut u dan stante li fil-maggoranza taghhom, l-attrici ma kinitx konsapevoli taghhom.

**Socjetajiet**

Jirrizulta mill-provi prodotti mill-attrici li l-konvenut kien waqqaf diversi kumpaniji fiz-zwieg. Huwa evidenti li l-attrici kienet fid-dlam ta' hafna minn negozju tal-konvenut u iktar u iktar bil-mod kif kien jiggestih. Isemmi xi socjetajiet li kienet taf bihom, pero' jirrizulta li kien hemm ferm izjed u li lanqas biss ghamlet accenn ghalihom fl-affidavit taghha. Dan juri b'mod car li l-konvenut kien jghaffeg u jhawwad wahdu u gab lill-familja tieghu fi stat ta' rovina.

Claudia Diacono in rapprezentanza tal-Malta Business Registry ipprezentat diversi dokumenti relatati ma' diversi kumpaniji li fihom huwa nvolut il-konvenut.[34]

Hafna minn dawn il-kumpaniji gew *struck off as defunct* jew inkella kienu saru b'mod volontarju jew inghalqu da parti tar-Registratur. Diacono spjegat li hafna minn dawn il-kumpaniji huwa ddikjarati inactive jew struck off peress li l-kumpanijiet ma jkunux dahlu l-audited accounts jew naqsu li jipprezentaw id-dokumentazzjoni mehtiega jew ma hasslux xi penali, bir-rizultat li jigu *struck off as defunct* u wara hames snin ighaddu f'idejn il-Gvern. Jirrizulta li Acorn Properties Ltd hija l-unika wahda b'riskju peress li giet struck off fl-2019. Dina l-istess socjeta' kellha diversi proprjetajiet immobbli li nbieghu fuq konvenju u peress li skond l-attrici l-konvenut kien naqas li jlesti l-finishes kien hemm diversi problemi f'dan ir-rigward ghaliex l-att ta' bejgh ma sarx u spiccaw hafna minnhom il-Qorti. Fil-fatt uhud minnhom jirrizultaw fil-lista tal-kawzi pendenti l-Qorti surriferiti.

Minhabba l-irresponsabbilita' tal-konvenut, dawn il-kumpaniji ghandhom jigu assenjati kollha lill-konvenut flimkien ma' kwalsiasi djun, penali u affarijiet relatati mal-istess li qed jigu assenjati esklussivament lill-istess konvenut.

**<u>Proprjeta' Parafernali</u>**

Fix-xhieda tal-attrici, li mhix kontradetta stante li l-konvenut baqa' kontumaci jirrizulta li kien hemm zewg okkazjonijiet fejn il-konvenut ippossessa ruhu mill-proprjeta' parafernali tal-attrici.

Issemmi li kellha xi bonds li kien taha missierha bhala rigal u l-konvenut kien ikkonvinciha sabiex issarrafhom biex jinvestihom u hekk ghamlet; anke jekk huwa baqa' qatt ma taha sodisfazzjon fejn kienu marru dawn il-flus.

Ma jirrizultax ghalkemm kienu jammontaw dawn il-bonds, pero' l-konvenut ghandu jrodd lura dan l-ammont lill-attrici.

L-attrici kkonfermat ukoll li wara mandat ta' qbid kienu hadulhom il-mobbli li kienu jinstabu fid-dar matrimonjali, hlief ghall-kcina u l-kmamar tas-sodda, liema mobbli kienu nghatawlha minn missierha li ghandu fabbrika tal-ghamara. Ghalkemm ma giex indikat f'xiex kienu jikkonsistu ghandu jsir prospett tal-istess u l-istess konvenut ghandu jghaddi dan l-ammont lill-attrici.

**<u>Djun ohra</u>**

Dwar dejn iehor li jista' jkun hemm u li s'issa ma tafx bih l-attrici, ghax tul il-mori tal-kawza irrizulta li idea cara tal-konsistenza tal-istess hija m'ghandhiex, dawn ghandhom jigu assunti mill-konvenut. In oltre hemm ukoll il-kuntratt tas-separazzjoni tal-assi li ghandu japplika in kwantu jekk hemm dejn iehor li sar mill-konvenut wara l-istess kuntratt u cioe' wara l-5 ta' Gunju, 2020 dan ghandu jkun esklussivament responsabbilita` tal-istess konvenut.[35]

**<u>DECIDE:</u>**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici.
2. Tichad it-tieni talba attrici.

3.	Tilqa’ t-tielet talba attrici.

4.	Tilqa’ r-raba’ talba attrici skond kif imfisser iktar ‘l fuq.

5.	Tilqa’ l-hames talba attrici skond kif imfisser iktar ‘l fuq.

6.	Tilqa’ s-sitt talba attrici skond kif imfisser iktar ‘l fuq.

7.	Tilqa’ s-seba’ talba attrici u tordna lill-konvenut jizgombra mid-dar matrimonjali fi zmien tlett xhur mid-data tas-sentenza.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor.Imhallef Anthony J. Vella**

**Concetta Gauci**
**Registratur**